“Le!” qal Bertu lil missieri. “Qatt ma smajt li dik id-dar fiha l-ħares u li jisimgħu l-ħsejjes fiha!”

“U jien, l-aktar, mhux minħabba fija”, biġġelhielu missieri, “imma taf int in-nisa, meta jdaħħlu fellus f'rashom mhux lakemm terġa' toħroġhulhom”.

“Nitkellmu bil-Malti, Ġorġ”, qal Bertu. “Għadek m'għidtlix xi ħsejjes smajtu”.

Missieri qallu b'kulma konna smajna l-lejl ta' qabel, u mbagħad Bertu qallu: “Għidtli li fit-tmienja ta' filgħaxija bdejtu tisimgħu l-ħsejjes. Il-lejla f'xi t-tmienja u nofs niġi, u għidli xi tkunu rġajtu smajtu”. U baqgħu hekk.

Lanqas laħaq wasal id-dar missieri, li ommi ma laqgħetux b'elf mistoqsija—jekk sabux lill-Masri, x'qallu, x'wieġbu, kif baqgħu, jekk kinux sejrin jitilgħu l-Qorti, jekk kienx sa jagħtih il-flus lura—insomma ħallet ilsienha kif kienet taf, u ma nafx kemm-il salib sennget fuq il-mejda li f'dik id-dar ma toqgħodx.

Missieri kellu jsoddilha ħalqha b'elf tweġiba mpaspra minnu dak il-ħin, għax ħoll xagħrek u ġib iż-żejt kieku jgħidilha li l-Masri kien siefer. Kellu seba' mitt sena li tasal dik l-għaxija biex jara x'kien sa jgħidlu Bertu.

Mat-tmienja l-ħoss reġa' beda. Żinn-żinn-żinn! Bumm-bumm-bumm! Żinn-bumm! Żimm-bumm!

“Hemm aħna!” qalet ommi b'fawra f'wiċċha. “Sa jerġa' jibda! Il-lejla biddel it-ton! U le; irrodd salib għal wiċċi, u f'din id-dar ma noqgħodx! Jekk nibqgħu sejrin hekk, Wied Inċita jew iċ-ċimiterju jirbaħni! Imxi miegħi ħalli nsorr ħwejġi u mmur għand ommi. Lit-tfal neħodhom miegħi, u int ara x'sa tagħmel!”

“Iva issaporti ftit sakemm naraw x'igħidilna Bertu ta' Lippa”, qalilha missieri.

“Dan Bertu ta' Lippa x'jindaħal?” staqsiet ommi. “Imxi miegħi, għidtlek”.

Wara ftit ħabbat il-bieb. Kien Bertu, u wara li sar jaf b'kollox qal, “Naħseb li dak li smajtu jien kont nagħmlu. Hux minn dik il-kamra għidtu li kien ġej il-ħoss?”

“U l-mniefaħ jonfħuk, x'ruħ xierfa għandek!” ħatfitu ommi. “Mela trid tmarradna bis-suffejra u tibgħatna l-qabar?!”

“Bil-mod, Mariroż”, qalilha Bertu. “Jekk jien qed nagħmel il-ħoss mhux apposta qed nagħmlu. Ma' dak il-ħajt, min-naħa tiegħi, inwaħħal ir-ranċila biex inqatta' s-silla għall-bhejjem, u l-ħoss li tisimgħu mhux ħlief il-ħoss li tagħmel is-silla mar-ranċila. Tafu intom, il-ħajt singlu, u l-ħoss jirbombja għandkom. Difatti l-lum ħabbatilkom mal-ħajt”.

Għal dan il-kliem wiċċna ddawwal, u mbagħad ommi staqsietu: “U xi tgħidilna għal dak il-ħoss ta' tgerrim fil-kamra l-oħra?”

“Għiduli liema kamra hi”, qal Bertu.

Wara li ħadnieh fil-kamra tagħna tar-rqad, Bertu għadda idu minn



ma' lħitu, qagħad jaħseb ftit u mbagħad qal: “Wara dik il-kamra taħbat l-istalla taż-żiemel, u naħseb li l-ħoss hu t-tgerrim taż-żiemel hu u jomgħod is-silla. Il-ħoss jinstama' aktar bil-lejl. Issa minn għada stess nibdillu l-post, u r-ranċila nwaħħalha ma' ħajt ieħor. Wisa' għandi kemm irrid”.

U difatti hekk kien. Mill-għada stess il-ħsejjes spiċċaw għal kollox. Ilkoll serraħna rasna, u Bertu ta' Lippa baqa' l-akbar ħabib tagħna. Ommi u missieri kienu mietu, Alla jaħfrilhom, ħija kien daħal patri u mar għall-missjoni, u jien, ma' marti u wliedi, għadni noqgħod fiha sal-lum, u ma smajt ebda ħoss ieħor.

Qegħdin taraw xi minn daqqiet x'ikun il-ħares? Issa bħal dawn il-praspar issib kemm trid.

## IŻJED MILL-GĦOLI

Ta' DUN FRANS CAMILLERI

B'ħarstu saltnija,
wieqaf fuq l-għolja, mkabbar,
jittawwal il-palazz 'l isfel madwaru
fuq id-djar imbiegħda,
li jara hekk ċkejknin,
u fuq kull għorfa fqajra
tkaxkar ma' l-art, tistenna r-riħ isuqha
sakemm tintemm fix-xejn.

* * *

B'ħarsti ferħana,
mill-għoli, bejn is-sħab,
ilmaħt mill-ajruplan, xi ftit imbeżża',
Londra, Pariġi u Ruma.
Rajt il-palazzi kbar li jsaħħru d-dinja
hekk ċkejkna li stħajjilthom
djar tal-kartun li ħdimt meta kont tfajjel
jew kastelli żgħar f'xifer ix-xtajta
li jibnu t-tfal bir-ramel
u jdubu hekk fix-xejn ma' l-ewwel mewġa.

* * *

B'ħarstu ħanina,
mill-iżjed għoli tas-smewwiet,
iħares Alla lilna lkoll, u ħsiebu
sa fl-iċken dud ta' l-art, fl-għasfur tal-bejta.
Imma jitgħaxxaq jara
mhux fejn noqogħdu aħna
— il-palazz jew l-għorfa —
iżda lilna l-bnedmin, fqajrin u għonja,
tempji ħajjin fejn iħobb jgħammar Hu.